# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2025.**

**Numru: 2**

**Rikors numru 13/2015/1MV**

**Mary Cassar, Raymond Cassar, Edmond Cassar, Antonella M. Vella, Angela Vella, Wenzu Cassar, Benna Cassar, Georgina Cutajar, Clementia Meilaq, Anne Azzopardi, Mario Azzopardi, Mary Grace Azzopardi, Robert Meilaq, Cettina Xuereb u b'nota tal-24 ta' April, 2015, Cettina Xuereb irtirat ruħha minn din il-kawża, John Hili, Joseph Hili, Saviour Attard, Grace Cassar, Carmel Cassar, Peter Bugeja, Tania Portelli, Joseph Portelli, Zachary Cassar, John Paul Cassar, Johnnie Cassar, Joseph Borg, Joseph Grech, Miriam Grech, Franklin Grech, George Farrugia**

**v.**

**Dr Samuel Azzopardi, Sindku u b'digriet tad-29 ta' April, 2016, isem Dr Samuel Azzopardi ġie sostitwit bl-isem ta' Josef Schembri bħala**

**Sindku u Miriam Attard, Segretarja Eżekuttiva, it-tnejn in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-konvenut Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, kif ukoll dwar appell inċidentali tal-atturi kollha, minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), (Sezzjoni Ġenerali) li biha: (i) ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut dwar id-dekadenza tal-azzjoni tal-atturi sa fejn hija msejsa fuq l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (ii) laqgħet it-tielet eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-ilmenti tal-atturi dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom, u (iii) fl-aħħar nett, ikkonkludiet li «*tibgħat l-atti tal-kawża lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex tkompli tisma' l-kawża.*»

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-26 ta' Marzu, 2015, l-atturi fissru li huma lkoll bejjiegħa tal-monti li jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt ġewwa Pjazza Indipendenza, jew kif inhi aħjar magħrufa bħala Pjazza t-Tokk, fir-Rabat, Għawdex.

3. Fissru li huma ilhom jarmaw hemmhekk għal għexieren ta' snin, u

dan dejjem bil-barka u bil-permessi tal-awtoritajiet kompetenti.

4. Stqarrew li nhar il-11 ta' Ottubru, 2014, il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex bagħtilhom ittra biex javżahom li huwa kien sejjer iwettaq xi xogħlijiet infrastrutturali f'dik il-pjazza, u fid-dawl ta' dan ordnalhom sabiex ma jibqgħux jarmaw hemmhekk mill-jum tal-20 ta' Ottubru, 2014 'il quddiem. Bl-istess ittra, il-Kunsill Lokali konvenut għarraf lill-atturi li huwa kien sejjer iżommhom mgħarrfa *«iktar 'il quddiem bil-post tagħ[hom] fi Pjazza Savina darba l-proġett ikun lest.»*

5. Kemm għaliex l-atturi qegħdin iqisu li din id-deċiżjoni sejra tkun qiegħda tfixkilhom milli jkomplu jwettqu dik l-attività kummerċjali hekk kif awtorizzati li jagħmlu bis-saħħa tal-permessi maħruġa lilhom mid-Dipartiment tal-Kummerċ, kif ukoll fuq l-ilment li huma ma ġew qatt avżati jew minn tal-inqas ikkonsultati, b'dak li kien sejjer iseħħ, l-atturi ressqu din il-kawża li biha talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Marzu 2015 in segwitu għat-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (Numru 10/2015) fl-ismijiet* ***Mary Cassar et v. Dr. Samuel Azzopardi noe et****.*
>
> *2. Tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill intimat hekk kif ikkomunikata lill-esponenti permezz tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2014, tikkostitwixxi ksur tal-****Artikolu 469A Subartikolu 1(b)(i) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*** *u konsegwentement l-istess deċiżjoni hija nulla u bla effett;*
>
> *3. Mingħajr preġudizzju, tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill intimat hekk kif ikkomunikata lill-esponenti permezz tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2014, tikkostitwixxi ksur tal-****Artikolu 469A Subartikolu 1(b)(ii)***

***tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u konsegwentement l-istess deċiżjoni hija nulla u bla effett.*

*4. Mingħajr preġudizzju tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill intimat hekk kif ikkomunikata lill-esponenti permezz tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2014, tikkostitwixxi teħid ta' proprjetà appartenenti lill-esponenti, u dan bi ksur tad-drittijiet akkordati lill-esponenti ai termini tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u hekk ukoll tal-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Kovenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**.*

*5. Tiddikjara illi bl-aġir abbużiv u illegali da parti tal-Kunsill intimat l-esponenti sofrew id-danni, u dan kemm b'konsegwenza tal-ksur ta' drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa mill-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea**, u kif ukoll ai termini tal-**Artikolu 469A Subinċiż (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.*

*6. Tillikwida occorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi d-danni hekk sofruti mill-esponenti.*

*7. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lill-esponenti s-somma illi tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż kollha inkluż tal-Protest Ġudizzjarju tat-28 ta' Novembru 2014 (Numru 59/2014) u tal-Mandat ta' Inibizzjoni (Numru 10/2015) kontra l-intimati illi huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

6. Bi tweġiba maħlufa tat-22 ta' Mejju, 2015, il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex wieġeb għal din il-kawża billi qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi inkwantu bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa sottomess li din l-azzjoni attriċi ma saritx fit-terminu ta' sitt xhur hekk kif jistipola l-**Artikolu 469A (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u għalhekk, din l-azzjoni hija perenta u għandha tiġi miċħuda;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu tagħhom dawn it-talbiet attriċi kif ibbażati dettaljatament fis-smigħ ta' din il-kawża, kwalunkwe deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill fuq il-fatti mertu ta' dan il-każ, ittieħdet b'mod regolari skont il-liġi;*

*3. Illi inkwantu bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u anki l-**Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**, huwa sottomess b'mod preliminari li din il-Qorti tal-Maġistrati mhijiex kompetenti biex tisma' talbiet ta' din ix-xorta, u dana peress li l-**Artikolu 46 tal-***

***Kostituzzjoni ta' Malta*** *jagħti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-ġurisdizzjoni esklussiva li tiddeċiedi dwar ksur tad-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni**; kif ukoll jagħmel l-**Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalhekk din il-Qorti għandha tiddikjara ruħha inkompetenti biex tiddeċiedi dwar tali talbiet, bil-konsegwenza li tiċħad tali talbiet attriċi;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, tali talbiet kif ibbażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u anki l-**Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** huma infondati fid-dritt u fil-fatt inkwantu kwalukwe deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill, mertu ta' din il-kawża, saret mingħajr ebda ksur tad-dispożizzjonijiet relattivi msemmija fir-rikors ġuramentat, u jew bi ksur ta' xi dispożizzjoni oħra tal-istess **Kostituzzjoni** ta' Malta u anki **l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**;*

*5. Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għall-premess, huwa sottomess li d-direzzjoni mogħtija mill-Kunsill fil-konfront tar-rikorrenti biex ma jibqgħux jarmaw fi Pjazza Indipendenza, Victoria, Għawdex, peress li kien qed isir il-pavimentar fl-istess Pjazza, saret fil-limiti ta' raġonevolezza, u għalhekk mhuwiex leġittimu għar-rikorrenti li jesiġu likwidazzjoni u ħlas ta' danni konsegwenza għal tali deċiżjoni;*

*6. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess ukoll, m'hemm l-ebda danni li ġew kaġunati lir-rikorrenti per konsegwenza tad-deċiżjoni kkomunikata mil-Kunsill lir-rikorrenti fis-sens li eventwalment huma kellhom jibdew jarmaw fi Pjazza Savina;*

*7. Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jiġu likwidati u/jew imħallsa mill-Kunsill lir-rikorrenti;*

*8. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ewwel talba attriċi hija legalment improponibbli peress li mhux legalment possibbli li ssir talba għal inibizzjoni permanenti u/jew konferma permanenti ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*9. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess ukoll m'hemm l-ebda raġuni għaliex id-deċiżjoni mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Marzu 2015, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 10/2015 fl-ismijiet **Mary Cassar et v. Dr. Samuel Azzopardi noe et,** għandha tiġi perpetwata;*

*10. Illi l-eċċezzjonijiet kollha mogħtija huma indipendenti minn xulxin u kull waħda qiegħda tingħata espressament bla preġudizzju għall-oħrajn;*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri oħra jekk ikun il-każ.»*

7. Fl-ewwel seduta miżmuma fit-2 ta' Ottubru, 2015, l-Ewwel Qorti

ħalliet il-kawża għall-provi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti (ara l-verbal f'paġna 58 tal-atti tal-kawża).

8. Aktar tard, fis-seduta tad-19 ta' Ġunju, 2020, il-partijiet talbu li jagħmlu nota ta' sottomissjonijiet dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut, u minn hemmhekk, l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza (ara l-verbal f'paġna 323 tal-atti tal-kawża).

9. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar, 2022, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali konvenut dwar id-dekadenza tal-azzjoni sa fejn hija msejsa fuq l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivil**i, però laqgħet it-tielet waħda dwar in-nuqqas ta' kompetenza. Fid-dawl ta' dan, l-Ewwel Qorti fissret li kienet qiegħda tilqa' t-talba tal-atturi sabiex tibgħat l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti kompetenti, u f'dan is-sens iddeċidiet li: *«tibgħat l-atti tal-kawża lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex tkompli tisma' l-kawża.»*

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn:

*«**Ikkunsidrat:***

*Illi din hi kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju marbut mad-deċiżjoni tal-Kunsill illi jittrasferixxi lill-fixed hawkers li jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fit-Tokk/Pjazza Indipendenza, Victoria, Għawdex għal Pjazza Savina, ukoll fir-Rabat Għawdex, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jibqgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom*

*illi jarmaw fit-Tokk/Pjazza Indipendenza kif ilhom jagħmlu għal għexieren ta' snin skont il-permessi u liċenzji tagħhom lilhom maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti u dan għar-raġunijiet esposti fl-istess rikors fejn l-atturi qed jitolbu li tali deċiżjoni għandha tiġi meqjusa bħala nulla u bla effett u li jiġu kumpensati għad-danni li ġarrbu;*

*Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi ċaħdu t-talbiet atturi u qajmu wkoll eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fost oħrajn li l-azzjoni atturi ma saritx fit-terminu ta' sitt xhur kif jistipula l-**Artikolu 469A(3)**.*

*...*

***Ikkunsidrat:***

*Illi jidher ċar li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-ewwel li ser tiġi mistħarrġa hija l-eċċezzjoni li l-attur naqas li jiftaħ din il-kawża wara ż-żmien mogħti lilu mil-liġi kif irid l-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura**.*

*Illi huwa stabbilit illi ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-**Artikolu 469A(3) tal-Kap 12** huwa wieħed ta' dekadenza, li jfisser li ż-żmien ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi. Għaldaqstant il-protest ġudizzjarju tat-18 ta' Novembru, 2009 ma seta' qatt jinterrompi ż-żmien li kien għaddej kontra l-attur biex jattakka l-għemil amministrattiv li ħassu mġarrab minnu. Fil-kliem innifsu tal-liġi, dak iż-żmien ta' sitt xhur japplika għal dawk il-każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju li jirreferu għal għemil amministrattiv li jkun sar lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi ('ultra vires'): ma jgħoddx fil-każ ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv li jingħad li jikser il-Kostituzzjoni.*

*Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għemil amministrattiv issir taf b'dak l-għemil li jkun. Iż-żmien jibda jgħaddi minn dakinhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel.*

*Mix-xhieda mressqa u mill-provi dokumentarji li jinsabu fl-atti, jidher ċar li, fis-sena 2009 kien hemm biss vot unanimu tal-kunsill wara proposta li kienet saret u sussegwentement kienu għadhom għaddejjin bid-diskussjonijiet u konsultazzjonijiet, bid-deċiżjoni finali tiġi kkomunikata lill-atturi f'Ottubru 2014.*

*Illi konsegwentement l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti ma tistax tiġi milqugħa.*

***Ikkunsidrat:***

*Illi permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti eċċepew li din il-*

*Qorti mhijiex kompetenti biex tiddeċiedi dwar it-talbiet attriċi bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u anki l-**Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**.*

*Illi l-Qorti tibda billi tinnota li fl-ilment ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, l-atturi naqsu milli jindikaw taħt liema artikolu huma qegħdin isejsu t-talbiet tagħhom. Fil-fatt ebda referenza għall-**Artikolu 469A(1) tal-Kap 12** ma saret mill-atturi fl-att promotur. Dan il-fatt ġie kkonfermat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi fejn iddikjaraw li l-kawża odjerna mhijiex imsejsa fuq l-**Artikolu 469A(1)**.*

*Illi għalhekk din il-Qorti ser tiddetermina jekk din il-Qorti għandhiex ġurisdizzjoni tiddeċiedi fuq ilmenti kostituzzjonali.*

*Illi permezz tar-rikors tagħhom, l-atturi qed jilmentaw li sofrew leżjoni fid-drittijiet fundamentali tagħhom fit-termini tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u fit-termini tal-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**.*

*Hija ġurisprudenza ormai assodata li persuna li tkun qiegħda tilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha mhijiex obbligata tfittex rimedju quddiem il-qrati ordinarji jekk l-ilment ma jkunx jista' jiġi indirizzat b'rimedju effettiv. Proprju għaliex proċediment kostituzzjonali u konvenzjonali huwa eċċezzjonali, persuna tirrikorri għalih meta ma jkunx hemm rimedju effettiv quddiem il-qrati ordinarji li jista` jindirizza l-allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali.*

*Fil-fatt l-**Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jistipula li:*

> *«46.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (6) u(7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal-rimedju.»*

*Inoltre l-**Artikolu 50 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jistipula s-segwenti:*

> *«50.(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 770 u 771, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), b'esklużjoni tal-Qrati ta' Malta, hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta'dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-qorti*
>
> *(2) Dik il-qorti hija magħmula minn maġistrat wieħed, u għandha żewġ attribuzzjonijiet, jiġifieri:*
>
> *(a) attribuzzjoni inferjuri, illi bis-saħħa tagħha tieħu konjizzjoni tal-kawżi*

*kollha tax-xorta ta' dawk illi, skont l-artikoli 47 u 48, huma ta' kompetenza ta' maġistrat għall-Gżira ta' Malta; u*

*(b) attribuzzjoni superjuri, li bis-saħħa tagħha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha tax-xorta ta' dawk illi, skont l-artikolu 32, huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.»*

*Illi meħud inkonsiderazzjoni l-mertu ta' din il-kawża fejn l-atturi qed jilmentaw minn ksur tad-dritt fundamentali tagħhom konsegwenza tad-deċizjoni tal-Kunsill Lokali, din il-Qorti hija tal-fehma li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa u għandha tiġi milqugħa.»*

11. Il-Kunsill Lokali konvenut appella minn din is-sentenza b'rikors tat-22 ta' Frar, 2022, bl-aggravju waħdieni tiegħu jkun li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni fuq apprezzament żbaljat tal-provi. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi.

12. Bi tweġiba waħda mressqa fil-25 ta' Marzu, 2022, l-atturi kollha taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn l-appell tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex għandu jiġi miċħud.

13. L-istess atturi nqdew bit-tweġiba tagħhom tal-25 ta' Marzu, 2022, biex ressqu wkoll appell inċidentali, bl-aggravju tagħhom ikun li l-Ewwel Qorti ma kellhiex taqbad u tibgħat l-atti tal-kawża lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Kompetenza Kostituzzjonali) mingħajr ma ċċarat li l-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha tasal biss sa fejn għandhom x'jaqsmu

t-talbiet li huma dwar il-ksur tal-jeddjiet fundamentali tagħhom, u mhux ukoll dwar dawk it-talbiet li huma msejsa fuq l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

14. L-atturi għalhekk talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tibdel it-tieni kap tas-sentenza appellata u dan billi: *«tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut parzjalment u limitament għat-talbiet attriċi sa fejn dawn huma ppernjati fuq il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-esponenti filwaqt illi tikkonferma illi t-talbiet attriċi illi jirrigwardaw l-istħarriġ ġudizzjarju u li huma bbażati fuq il-provvedimenti tal-**Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għandhom jiġu determinati mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali).»*

15. Bi tweġiba tat-12 ta' April, 2022, il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex laqgħu għall-appell inċidentali billi taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn dan għandu jiġi miċħud. B'mod partikolari, dan saħaq li l-appell inċidentali sar għalxejn b'xejn, billi qiegħed iqis li mis-sentenza appellata huwa ċar biżżejjed li l-Ewwel Qorti bagħtet l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Kompetenza Kostituzzjonali) sabiex jiġu deċiżi l-kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali biss.

16. B'digriet kamerali mogħti fis-7 ta' Jannar, 2025, din il-Qorti qajmet żewġ eċċezzjonijiet minn rajha skont l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u stiednet lill-partijiet sabiex jissottomettu dwarhom waqt it-trattazzjoni tal-appell.

17. L-ewwel eċċezzjoni hija dwar: *«[j]ekk il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex kellux bżonn jitlob il-permess lill-Ewwel Qorti skont l-**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex ikun jista' jressaq l-appell ewlieni tiegħu dwar iċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni, u jekk in-nuqqas tal-kisba tal-istess permess iwassalx għan-nuqqas ta' siwi tal-appell ewlieni.»*

18. It-tieni eċċezzjoni hija mbagħad dwar: *«[j]ekk għall-għanijiet tal-**Artikolu 240 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-atturi setgħux jinqdew bil-proċedura ta' appell inċidentali, jekk kemm-il darba l-appell ewlieni jitqies null.»*

19. Inżamm smigħ fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2025, li fih l-avukati tal-partijiet trattaw id-digriet tas-7 ta' Jannar, 2025, u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

20. Billi l-eċċezzjonijiet li tqajmu minn din il-Qorti jolqtu kemm is-siwi tal-appell ewlieni kif ukoll dak inċidentali, il-Qorti sejra tkun qiegħda

qabelxejn tiddeċiedi dawk l-eċċezzjonijiet.

21. Nibdew bl-ewwel eċċezzjoni **dwar is-siwi tal-appell ewlieni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex**.

22. Din l-eċċezzjoni tiddependi fuq it-tweġiba għal żewġ mistoqsijiet. L-ewwel waħda hija dik dwar jekk il-Kunsill Lokali konvenut kellux qabelxejn, il-ħtieġa li jitlob il-permess lill-Ewwel Qorti skont l-**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex seta' jressaq l-appell ewlieni tiegħu dwar iċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni.

23. Jekk kemm-il-darba t-tweġiba għall-ewwel mistoqsija tkun fl-affermattiv, it-tieni mistoqsija li għandha tiġi mwieġba hija mbagħad dwar jekk in-nuqqas ta' permess bħal dak, iwassalx għan-nuqqas ta' siwi tal-appell ewlieni.

24. F'dan il-qafas, il-Qorti titlaq billi tqis li l-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jaqra kif ġej:

> *«231.(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:*
>
> *Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta*

> *jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ.»*

25. Minn dan l-artikolu, u sewwasew mill-*proviso* tiegħu huwa ċar biżżejjed li appell minn sentenza li ma tkunx finali jista' jsir *«**biss**»*, jekk kemm-il darba l-Ewwel Qorti tagħti l-permess tagħha bil-miftuħ biex ikun jista' jsir dak l-appell.

26. L-istess *proviso* jitlob li tali permess għandu jintalab bil-fomm dakinhar li tingħata s-sentenza parzjali jew inkella permezz ta' rikors li għandu jitressaq fi żmien sitt ijiem minn meta tingħata dik is-sentenza li dwarha qiegħed jintalab li jsir l-appell (ara wkoll ***Roberto Carlos Calleja v. Annot Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru, 2009).

27. Issa fil-każ tal-lum, il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, ġustament, mhuwiex qiegħed imeri li huwa ma talabx permess lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) jew inkella lil xi Qorti oħra, sabiex seta' jressaq l-appell tiegħu.

28. Mod ieħor, il-Kunsill Lokali konvenut qiegħed jargumenta li huwa ma kellux għalfejn jitlob il-permess imsemmi fil-*proviso* tal-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan għaliex huwa qiegħed iqis, li s-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2022, waslet għat-

tmiem tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), u b'hekk kienet *«l-aħħar sentenza»* li ngħatat minn dik l-istess Qorti.

29. Din il-Qorti ma tistax però taqbel ma' dan ir-raġunament tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, u dan għaliex bis-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2022, l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx il-kawża b'mod finali, iżda qatgħet biss l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-istess Kunsill Lokali konvenut.

30. Kemm hu hekk, sa mill-bidu nett tas-sentenza, l-Ewwel Qorti għamlitha ċara, li *«**l-kawża tħalliet għal [dakinhar] għas-sentenza fuq l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni**.»* Aktar importanti minn hekk, jingħad li kemm mill-konsiderazzjonijiet, u fuq kollox mid-dispożittiv tas-sentenza, jirriżulta li l-Ewwel Qorti qieset u tat deċiżjoni biss dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-Kunsill Lokali konvenut.

31. Sa fejn għandha x'taqsam l-ewwel eċċezzjoni, jiġifieri dik li fiha l-Kunsill Lokali konvenut argumenta li l-azzjoni tal-atturi, sa fejn hija msejsa fuq l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, waqgħet bid-dekadenza ta' sitt xhur hekk kif imsemmi fit-**tielet subinċiż ta' dak l-istess Artikolu**, l-Ewwel Qorti, ikkonkludiet li d-deċiżjoni li qegħdin jattakkaw l-atturi ttieħdet b'mod finali f'Ottubru tas-sena 2014 u

b'hekk qieset li ż-żmien ta' sitt xhur ma laħaqx għadda sakemm tressqet din l-kawża.

32. Ġaladarba l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-atturi ressqu l-azzjoni tagħhom għal stħarriġ ġudizzjarju f'waqtha, mela allura, fuq hekk biss, is-sentenza appellata ma tistax titqies li hija *«**sentenza finali**»* fit-termini tal-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u dan billi għad fadal li jiġu mismugħa u maqtugħa l-kwistjonijiet kollha fil-mertu, minn tal-inqas sa fejn għandhom x'jaqsmu dawk it-talbiet li huma msejsa fuq l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

33. Sa fejn imbagħad għandha x'taqsam mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti b'rabta mal-ilqugħ tat-tielet eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut, u l-ordni konsegwenzjali dwar it-trasferiment tal-atti tal-kawża b'rabta mal-kwistjonijiet ta' xejra kostituzzjonali u konvenzjonali, din il-Qorti jidhrilha, li tali deċiżjonijiet lanqas ma jistgħu jbiddlu n-natura tas-sentenza appellata, għal waħda *«finali.»*

34. Fis-sewwa, il-fatt waħdu li l-Ewwel Qorti tat deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut, juri li dik il-Qorti kienet qiegħda tassumi l-kompetenza, minn tal-inqas sa fejn l-atturi qegħdin jattakkaw id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali appellat fuq is-saħħa tal-**Artikoli 469A(1)(b)(i)**

u **(ii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, kif ukoll fejn l-atturi talbu s-sejbien ta' responsabbiltà, u l-konsegwenzjali likwidazzjoni u ħlas tad-danni b'riħet l-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. L-ordni tat-trasferiment tal-atti b'rabta mal-ilqugħ tat-tielet eċċezzjoni ma tistax għalhekk titqies li kienet ukoll tinkludi d-deċiżjoni b'rabta ma' dawn il-kwistjonijiet.

35. Dan ifisser li l-Ewwel Qorti għad fadlilha minn tal-inqas tagħti sentenza oħra, u mbilli hija ma appuntatx l-ebda seduta oħra wara s-smigħ li fih inqrat is-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2022, ma jbiddel xejn minn dan.

36. La l-kawża ma ġietx deċiża għalkollox, is-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2022, għandha bilfors titqies bħala waħda minn dawk li l-liġi ssejħilhom bħala *«sentenzi separati»,* u billi l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx il-kawża b'mod finali fil-konfront ta' xi waħda mill-partijiet (ara l-**Artikolu 231(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), mela allura biex il-Kunsill Lokali konvenut seta' jressaq dan l-appell, huwa ried bilfors jimxi mal-proċedura msemmija fl-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u dan billi jikseb il-permess tal-Ewwel Qorti qabel ma' jippreżenta l-appell ewlieni tiegħu.

37. Xieraq jingħad li l-unika sitwazzjoni fejn appell minn sentenza

parzjali jista' jsir minnufih bla ħtieġa li jinkiseb permess mingħand l-Ewwel Qorti, huwa biss fil-każ imsemmi fl-**Artikolu 234 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, fejn l-appell mis-sentenza parzjali jkun dwar l-eċċezzjoni tal-inkompetenza minħabba x-xorta tal-ħaġa fil-kawża jew dwar il-kompetenza tal-Qorti li tieħu konjizzjoni mill-kawża (ara ***Raymond Grech et v. Elzan Properties Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2024 u ***Gaming VC Corporation Limited v. Boss Media Malta Casino*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2012).

38. F'dan il-każ, l-aggravji fl-appell ewlieni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex m'għandhom x'jaqsmu xejn dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti b'rabta mal-eċċezzjoni ta' inkompetenza: tant li fir-rikors tal-appell, il-Kunsill Lokali konvenut speċifika li huwa qiegħed iħossu aggravat mis-sentenza appellata *«u dan <u>limitament</u> inkwantu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti fejn hija sostniet li l-azzjoni attriċi mhijiex perenta bit-terminu ta' sitt xhur provdut mil-liġi.»*

39. Ġaladarba l-appell ewlieni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex m'għandu x'jaqsam xejn dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti b'rabta mat-tielet eċċezzjoni tal-inkompetenza, l-eċċezzjoni msemmija fl-**Artikolu 234 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** lanqas ma tista' tgħodd, u billi s-sentenza tal-Ewwel Qorti ma tistax titqies bħala waħda finali, mela allura jsegwi li l-Kunsill Lokali konvenut ma kellux triq oħra

għajr li jikseb il-permess tal-Ewwel Qorti, bil-mod imsemmi fl-**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

40. Issa huwa miżmum fil-ġurisprudenza li fin-nuqqas tal-kisba ta' permess bħal dan, kull appell li jitressaq minn sentenza parzjali għandu jitqies li huwa null (ara ***Bank of Valletta plc v. Act Operators Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar, 2024 u ***Michele Peresso Limited v. De Tigne Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021).

41. L-istess jgħodd jekk l-appellant iressaq it-talba tiegħu għall-permess biex jappella mis-sentenza parzjali wara ż-żmien ta' sitt ijiem imsemmi fl-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u dan anke jekk saħansitra jkun irnexxielu jikseb il-permess li jappella mill-Ewwel Qorti (ara ***Harold Said et v. John Mary sive Jimmy Muscat*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2024 u ***Joanne Jensen v. Daniel Soto Gurpide*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2023).

42. Hekk ukoll, appell minn sentenza parzjali ġie meqjus bħala null anke jekk l-appellant ikun ressaq ir-rikors fil-ħin quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jingħata l-permess biex jappella, però dan ikun bla sabar u jagħżel li ma jistenniex l-eżitu tar-rikors tiegħu qabel ma' jippreżenta dak l-appell

(ara ***Francesco Portelli pro et noe et v. Anthony Degiorgio et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Novembru, 2022).

43. Kif għedna iktar kmieni, f'dan il-każ, il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex mhuwiex qiegħed imeri li huwa ma talabx il-permess imsemmi fl-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex ressaq dan l-appell, u billi mill-atti tal-kawża jirriżulta li huwa tabilħaqq m'għamel l-ebda talba bħal dik, mela allura, din il-Qorti ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni li r-rikors tal-appell ewlieni tal-Kunsill Lokali konvenut huwa null għaliex sar bi ksur tal-liġi.

44. Issa li għadna kif naraw li l-appell ewlieni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex huwa null, jeħtieġ li nqisu t-**tieni eċċezzjoni** dwar jekk għall-għanijiet tal-**Artikolu 240 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-atturi setgħux jinqdew bil-proċedura tal-appell inċidentali.

45. Din il-kwistjoni hija eħfef minn ta' qabilha, u dan għaliex fil-prinċipju, hemm qbil fil-ġurisprudenza, li n-nuqqas ta' siwi tal-appell ewlieni jġib miegħu l-konsegwenza tan-nuqqas ta' siwi tal-appell inċidentali (ara ***Avukat Dottor Tonio Grech nomine v. SL Ship Management Co Ltd*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2021, u ***L-Onorevoli Dottor John Attard Montalto et v. SIAR Property***

***Investments Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Frar, 2019).

46. Ir-raġunament wara dan huwa pjuttost loġiku u jinsab sewwasew fil-prinċipju ġenerali tal-liġi ta' *«quod nullum est nullum producit effectum»,* li fi kliem sempliċi jfisser li dak kollu li huwa null ma jista' jipproduċi l-ebda effett.

47. Att ġudizzjarju bħalma huwa appell inċidentali, ma jista' għalhekk ikollu l-ebda effett, jekk kemm-il darba l-att li minnu huwa ġej, jiġifieri r-rikors tal-appell ewlieni jkun wieħed null (ara f'dan is-sens ***Joseph Attard et v. Mario Attard et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018).

48. Minn dan ir-raġunament, isegwi li ġaladarba l-appell ewlieni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex huwa null, mela allura, l-appell inċidentali tal-atturi huwa daqshekk ieħor null, u għaldaqstant din il-Qorti sejra tkun qiegħda tieqaf milli tiddeċidihom.

49. Għalkemm il-Qorti tista' tieqaf hawnhekk, din il-Qorti xorta waħda jidhrilha li jaf ikun ta' siwi li jiġu ċċarati xi affarijiet, sabiex minn hawnhekk, din il-kawża, li issa ilha għaddejja 'l fuq minn għaxar snin, tkompli miexja 'il quddiem, kemm jista' jkun bl-iktar mod effiċjenti.

50. L-ewwel nett, u sa fejn għandha x'taqsam mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti b'rabta mat-tielet eċċezzjoni, din il-Qorti tosserva li tali deċiżjoni għandha tinftiehem fis-sens li l-Ewwel Qorti kienet qiegħda tqis ruħha inkompetenti, sa fejn għandhom x'jaqsmu biss dawk it-talbiet b'rabta mal-ilmenti dwar l-allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali hekk kif imħarsa bl-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**.

51. Fis-sewwa, it-tielet eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut kellha x'taqsam biss dwar dawk it-talbiet b'rabta mal-allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali, u fil-fatt jidher li l-Ewwel Qorti għarrfet dan kollu, tant li f'dik il-parti tal-konsiderazzjonijiet b'rabta mat-tielet eċċezzjoni, l-Ewwel Qorti mhux biss qieset li: ***«permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti eċċepew li din il-Qorti mhijiex kompetenti <u>biex tiddeċiedi dwar it-talbiet attriċi bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u anki l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea</u> għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali»***, iżda fuq kollox ikkonkludiet li: ***«[i]lli <u>meħud inkonsiderazzjoni l-mertu ta' din il-kawża fejn l-atturi qed jilmentaw minn ksur tad-dritt fundamentali tagħhom</u> konsegwenza tad-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali, din il-Qorti hija tal-fehma li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa u***

***għandha tiġi milqugħa*»** (l-enfasi huwa ta' din il-Qorti).

52. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li d-dispożittiv tas-sentenza għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda ma' dak li jkun ingħad qabel fil-konsiderazzjonijiet (ara ***Doreen Galea Souchet v. Joseph Farrugia pro et noe****,* mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023), u ġaladarba li mill-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata jidher biċċar li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, sa fejn għandha x'taqsam dwar in-nuqqas ta' kompetenza tagħha, kienet biss fuq dawk l-ilmenti dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali, mela allura, dak il-kap tad-dispożittiv tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut, għandu jinftiehem biss f'dan is-sens.

53. Sa fejn imbagħad għandha x'taqsam dik l-ordni li biha l-Ewwel Qorti ddeċidiet li *«tibgħat l-atti tal-kawża lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex tkompli tisma' l-kawża»,* din il-Qorti jidhrilha li anke hawnhekk l-Ewwel Qorti kienet qiegħda tirreferi biss għal dawk il-kwistjonijiet li hija qieset li mhijiex kompetenti li tiddeċiedi dwarhom, u sewwasew dawk dwar it-talbiet fuq l-allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali.

54. Kemm hu hekk, fl-istess kap tad-dispożittiv li fih l-Ewwel Qorti tat din l-ordni, il-Qorti fissret li hija kienet qiegħda tagħmel dan bħala konsegwenza diretta tal-fatt li fil-kap ta' qabel hija ddeċidiet li t-tielet

eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut hija mistħoqqa.

55. Għandha tkun għalhekk ħaġa raġunata, li l-Ewwel Qorti kienet qiegħda tibgħat lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Kompetenza Kostituzzjonali), dawk il-kwistjonijiet biss li għandhom x'jaqsmu dwar l-allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali, u mhux ukoll dawk il-kwistjonijiet b'rabta mal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali konvenut mil-lenti tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

56. Wara kollox, anke l-Kunsill Lokali konvenut li qajjem it-tielet eċċezzjoni, qiegħed jaqbel ma' dan — tant li fit-tweġiba tiegħu għall-appell inċidentali, huwa stqarr li: *«huwa ċar li l-atti ġew mibgħuta mill-Prim'Awla biex jiġu deċiżjonijiet [sic: deċiżi] ta' natura kostituzzjonali biss.»*

57. Naturalment, ġaladarba l-ordni dwar it-trasferiment tal-atti tal-kawża kienet biss sa fejn għandhom x'jaqsmu dawk it-talbiet dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali, u biċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni, l-Ewwel Qorti sabet li l-azzjoni tal-atturi sa fejn hija msejsa fuq l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ma waqgħetx bid-dekadenza ta' sitt xhur, mela allura jsegwi li strettament, xogħol dik il-Qorti għadu mhux lest, u għaldaqstant, din il-Qorti sejra tkun qiegħda

tibgħat l-atti tal-kawża lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) sabiex tkompli tisma' l-kawża u tistħarreġ dawk it-talbiet sa fejn huma msejsa fuq l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

58. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu dawk il-kwistjonijiet dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali, din il-Qorti tqis, li anke hawnhekk, teknikament l-kawża għadha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, għaliex bħala stat ta' fatt, dik il-Qorti naqset milli timxi mal-proċedura msemmija f'**Regolament 5 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)**.

59. Fl-ewwel subinċiż ta' dan ir-Regolament insibu li fl-ordni li biha għandha tiġi mibgħuta l-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-Qorti għandha tniżżel, *«b'mod ċar il-fatti u ċ-ċirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinħoloq, it-termini ta' dik il-kwistjoni, u [t]indika liema hi d-dispożizzjoni jew liema huma d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ikun il-każ, li jkunu allegatament ġew miksura.»*

60. F'dan il-każ, l-Ewwel Qorti m'għamlet xejn minn dan, u billi skont **it-tieni subinċiż tal-istess Regolament 5**, dik l-ordni hija meħtieġa

sabiex ir-Reġistratur seta' jibgħat l-atti tal-kawża lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mela allura, din hija raġuni oħra għalfejn l-atti tal-kawża għadhom teknikament imorru lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri).

61. Għalkemm issa huwa għalkollox f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), sabiex tiddeċiedi dwar il-mod ta' kif għandha tmexxi l-kawża, din il-Qorti tosserva li fiċ-ċirkostanzi, jaf ikun aktar għaqli li qabel ma tirreferi l-kwistjoni dwar il-ksur ta' jeddijiet fundamentali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Kompetenza Kostituzzjonali), il-Qorti tal-Maġistrati taqbad u qabelxejn tisma' l-kawża u tiddeċiedi dwar dawk it-talbiet li huma msejsa fuq l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan għaliex jekk mistħoqqa, dawn it-talbiet sejrin iwasslu għan-nullità tad-deċiżjoni inkwistjoni, u b'hekk il-mertu dwar il-kwistjoni b'rabta mal-ksur tal-jeddijiet fundamentali jaf jiġi li ma jkunx hemm bżonn illi jiġi deċiż.

62. F'kull każ, u sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti tissokta billi tiċċara li anke jekk l-atturi sejrin jibqgħu jinsistu għal deċiżjoni fuq dawk it-talbiet dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom, kif wara kollox għandhom kull dritt li jagħmlu, f'każ bħal dak, hija xorta waħda l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), li għandha fl-aħħar mill-aħħar tiddisponi mill-kwistjoni, bil-mod ta' kif imsemmi fl-**Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, u fl-**Artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni**

**Ewropea**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiddikjara l-appell ewlieni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex kif ukoll l-appell inċidentali tal-atturi bħala nulli u għalhekk qiegħda tieqaf milli tqishom iktar.

L-ispejjeż kollha relatati mal-appell ewlieni għandhom jitħallsu mill-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, filwaqt li l-ispejjeż b'rabta mal-appell inċidentali tal-atturi, għandhom jitħallsu mill-atturi flimkien bejniethom.

L-atti ta' din il-kawża għandhom jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) sabiex tkompli bil-każ.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss